# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Alison Cini**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Alison CINI**, detentriċi tal-karta tal-identita' 413087(M) fejn ġiet mixlija talli :

(a) fl-1 ta' Jannar 2016 ġewwa Misraħ ir-Rebħa, il-Birgu, Malta għall-ħabta tas-02:30 u 02:45 mingħajr ħsieb li toqtol jew li tpoġġi l-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew is-saħħa ta' Rita Cilia ta' natura gravi jew ġabitilha diżordni f'moħħha kif iċċertifika "Dr. Mr.Franco Consultant Ophtalmologist" u dan bi ksur tal-artikoli 214, 215, 216, u 222 tal-Kodiċi Kriminali;

(b) talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-lejl, kisret il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali.

(c) Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex minbarra l-piena tapplika l-provvediment tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tat-14 ta' Frar 2016 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputata skont l-Artikoli 392 u 370(3) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputata, debitament assistita mill-Avukat Dr. Charlon Gouder, wieġbet li ma kienetx ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

Rat li l-Qorti bdiet tiġbor il-provi kemm favur kif ukoll kontra tal-imputata;

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 10 ta' Jannar 2017, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fl-Artikoli 17, 214, 215, 216, 338(m) u 383 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputata hawn fuq imsemmija sabiex tigi ġġudikata minn din

il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul is-seduta tal-4 t'Ottubru 2017 il-Prosekuzzjoni iddikjarat b'mod definittiv li ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ.

Din il-Qorti, għalhekk għaddiet biex taqra t-termini tan-nota tar-rinviju għall-ġudizzju aktar il-fuq imsemmija lill-imputata Alison Cini, fejn il-Qorti staqsietha jekk kellhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti. Wara li l-Qorti tat lill-imputata żmien biżżejjed sabiex twieġeb għal din il-mistoqsija, Alison Cini, fil-presenza talAvukat Difensur tagħha Charlon Gouder wieġbet li ma kellhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja. Il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat id-dokumenti prodotti;

Rat b'mod partikolari l-verbal magħmul matul is-seduta tat-13 t'April 2016 fejn il-partijiet qablu li l-każijiet kontra l-imputata Alison Cini u kontra l-parte civile Rita Cilia kellhom jinstemgħu kontestwalment; kif

ukoll li x-xiehda miġbura f'din il-kawża kellha tittieħed ukoll bħala xiehda fil-kawża kontra Rita Cilia u dan għall-ekonomija tal-ħin u tal-ġudizzju. Kemm l-imputata kif ukoll Rita Cilia taw il-kunsens tagħhom sabiex dawn il-proċeduri jinstemgħu b'dan il-mod u rrinunzjaw għal kwalunkwe eċċezzjoni kompetenti lilhom fir-rigward tal-istess proċeduri.

***Ikkunsidrat : -***

Dwar id-dinamika ta' dan l-inċident, din il-Qorti għandha għad-disposizzjoni tagħha l-verżjonijiet ta' dan l-inċident mingħand l-imputata skont kif toħroġ mill-istqarrija li hija rrilaxxjat lill-Pulizija nhar il-21 ta' Frar 2016 fl-10:00 kif ukoll id-deposizzjoni ta' Ronald Attard li xehed bil-ġurament quddiem din il-Qorti.

F'din l-istqarrija hemm esposti ċerti fatti li jistgħu kemm jinkriminaw kif ukoll jeskolpaw lill-istess Cini. Jirriżulta li din l-istqarrija ġiet rilaxxata minn Alison Cini fi żmien fejn il-Liġi Maltija ma kienetx tippermetti li waqt l-istess stqarrija ikun preżenti l-avukat Difensur tagħha. Għalkemm ħadd ma kkontesta l-validita jew l-ammissibbilita ta' din l-istqarrija ta' Alison Cini f'dan il-każ, il-kwistjoni dwar l-istatus legali ta' din l-istqarrija u ta' l-użu tagħha fi proċeduri penali hija kwistjoni li tolqot prinċipju tad- Dritt fir-rigward ta' dak li għandu x'jaqsam mal-

garanziji meħtieġa biex persuna jkollha proċess kriminali ġust – *fair trial* – ossija jedd għal smiegħ xieraq.

Il-prinċipji legali li jemerġu mill-ġurisprudenza tal-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasbourg, u eventwalment segwiti mill-Qrati Maltin fir-rigward ta' dawn l-istqarrijiet mogħtija fil-kuntest legali Malti (fejn, fiż-żmien li ingħatat din l-istqarrija, persuni interrogati mhux biss kellhom il-jedd ta' konsulta legali limitata għal mhux aktar minn siegħa qabel l-interrogazzjoni (eventwalment ritenut inadegwat) iżda saħansitra, b'mod sistematiku kellu ukoll l-ineżistenza tal-possibilita li jkollhom l-avukat tal-fiduċja tagħhom preżenti waqt l-interrogazzjoni), huma prinċipji li għandhom jiġu ritenuti applikabbli *erga omnes.* Dan peress li dawn huma prinċipji li jiddelinejaw il-linji ħomor li jekk jinqabżu jkunu jistgħu jissarfu potenzjalment fi ksur tal-jeddijiet tal-bniedem tal-persuni interrogati.

Dan ifisser ukoll li l-Qrati li emanaw dawn is-sentenzi ma stabbilewx biss prinċipji applikabbli *ad hominem*, iżda prinċipji ta' Dritt applikabbli għal kulħadd – u dan preċiżament għaliex stabbilew **Prinċipji ta' Dritt** u mhux sempliċi rimedji partikolari għal każijiet speċifiċi. B'hekk dawn il-prinċipji għandhom jiġu ritenuti applikabbli awtomatikament għal kull persuna li tkun irrilaxxjat stqarrija lil investigaturi f'dak il-kuntest fattwali u legali Malti kif kien applikabbli qabel l-Att XL tal-2016. Dan peress li jekk il-Liġi Maltija kienet tippreskrivi drittijiet ta' konsulta

legali limitati qabel l-interrogazzjoni u n-nuqqas ta' dritt ta' preżenza tal-Avukat matul l-interrogazzjoni, dan ix-xenarju kien komuni kemm għal dawk li jkunu kkontestaw l-istqarrijiet rilaxxjati minnhom kif ukoll għal dawk li ma jkunux ikkontestawhom. L-applikabbilta ta' dawn il-prinċipji mhux marbut mal-fatt jekk il-persuni interessati jkunux ikkontestaw dawn l-istqarrijiet iżda huma marbuta mal-fatt li dawk il-persuni irrilaxxjaw stqarrijiet lill-Pulizija f'dak il-kuntest fattwali u legali – irrispettivament minn jekk tali stqarrijiet jiġux eventwalment kontestati jew impunjati.

Inoltre l-Qrati għamlu enfażi fuq ir-rilaxx ta' stqarrijiet f'dak il-kuntest ċirkostanzjali u l-użu ta' tali stqarrijiet magħmula f'dak il-kuntest ċirkostanzjali. Il-Qrati ma għamlux distinzjoni bejn stqarrijiet rilaxxjati f'dak il-kuntest ċirkostanzjali dipendenti fuq jekk l-istqarrijiet ikunux inkolpatorji jew eskolpatorji. Il-Qrati kkonċentraw fuq il-fatt li l-istqarrija lill-investigaturi tkun ingħatat mill-interrogat fil-kuntest legali aktar il-fuq imsemmi. Huwa preċiżament u b'mod partikolari dak il-kuntest oġġettiv li kkontribwixxa biex dawn l-istarrijiet jiġu ritenuti potenzjalment vjolattivi tal-jedd għal smiegħ xieraq tal-persuna interrogata.

Allura jekk stqarrija hija potenzjalment vjolattiva għall-jeddijiet tal-bniedem li jista' jimmaterjalizza ruħu jekk din l-istqarrija ssir użu minnha fi proċeduri penali, il-Qrati ma jistgħux joqgħodu jispigolaw

liema partijiet mill-istqarrijiet huma potenzjalment leżivi u liema le. U dan peres li l-problema prinċipali wara dawn l-istqarrijiet hija l-fatt li jkunu ġew rilaxxjati fil-kuntest legali spjegat aktar il-fuq.

B'hekk il-Qrati ħadu l-posizzjoni li ma jsirx użu minn dawn l-istqarrijiet. U mhux ser isir użu, għandu ma jsir użu minn ebda parti mill-imsemmija stqarrijiet – kemm fir-rigward ta' dak li huwa inkolpatorju kemm għal dak li huwa eskolpatorju in kwantu iż-żewġ forom ta' stqarrijiet ikunu ingħataw fil-kuntest legali ritenut potenzjalment vjolattiv tal-jeddiet tal-bniedem.

F'dan il-każ, m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li fiż-żmien meta l-imputata irilaxxat l-istqarrija, hi kienet ingħatat id-dritt li tikkonsulta mal-avukat tal-għażla tagħha, liema dritt infatti ma eżerċitatx. Madankollu ma kienet ingħatat l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tagħha matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi Maltija permezz tal-artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att XL tas-sena 2016.[1] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputata kienet ġiet interrogata.

Minn meta daħlet fis-seħħ din il-Liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta allavolja sanċit bid-

[1] Fit-28 ta' Novembru 2016.

drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skond il-Liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' ***Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et***[2] fejn il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat ir-rimedju tal-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irrilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet esprimiet is-segwenti:

> Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diga bdew jesprimu d-dubbji taghhom rigward jekk, il-ligi, kif kienet dak iz-zmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegh xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:
>
> "…jista' jkun hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti llum taht il-ligi taghna, huwa ristrett ghal siegha qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor."
>
> "Huwa car ghalhekk illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif zviluppat u evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz, il-garanzija u protezzjoni ta' smiegh xieraq tirikjedi illi l-arrestat jinghata l-possibilita li jkollu mieghu avukat tal-fiducja tieghu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Ghalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni.

[2] Rikors kostituzzjonali 92/16.

> "M'huwiex kontestat, illi fiz-zmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma thalliex ikollu avukat prezenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma inghatax access ghall-avukat tieghu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt wahdu, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa bizzejjed biex tinstab lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq.'

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat mill-Qrati Maltin kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Claire Farrugia***[3] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018 li għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien ***Salduz vs Turkija*** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti r-rappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti. Dan l-istess prinċipju ġie wkoll ribadit fil-kawżi fl-ismijiet : - ***Il-Pulizija vs Shannon Cauchi*** tal-15 ta' Jannar 2019 u ***Il-Pulizija vs. Michael Agius Borg*** deċiża fl-istess jum mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera.

Madankollu mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li għalkemm l-istqarrija tkun skartata, l-Qorti ta' ġudikatura kriminali xorta waħda tkun trid tanalizza jekk mill-atti jkunux jirriżultaw provi suffiċjenti kontra l-persuna imputata li jistgħu iwasslu għal sejbien ta' ħtija o meno. Dan kien filfatt il-każ fil-proċeduri kontra ***Claire Farrugia*** fejn kienu

[3] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera.

nstabu wkoll provi materjali oħra apparti l-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija tagħha li kienet anke ġiet iġġuramentata quddiem il-Qorti skond il-liġi u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli.

Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti u dan bħala salvagwardja għar-retta amminisstrazzjoni tal-ġustizzja.[4]

Inoltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata ***tirrifjuta*** l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni u dan fuq l-argument li tali rifjut tal-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni ma kienx awtomatikament jeskludi li l-imputat kien ikun irid li jkollu l-assistenza tal-avukat fil-mument meta huwa jkun qiegħed jagħmel l-istqarrija tiegħu. Ir-rifjut tal-avukat qabel l-istqarrija ma jġibx

---

[4] Ara s-sentenza fl-ismijiet ***Malcolm Said vs Avukat Ġenerali*** datata l-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali:

> Madankollu, għalkemm il-Qorti Ewropea hija marbuta bir-regola tal-esawriment tar-rimedji domestiċi, li kienet ir-raġuni għala sabet li l-ilment ta' Dimech kien intempestiv, din il-qorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x' aktarx sejra tiġi miksura". Jekk, meta jsir użu minn stqarrija li tkun ittieħdet mingħajr ma min jagħmilha jkollu l-għajnuna ta' avukat, dan ikun bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, mela "x' aktarx" illi d-dritt għal smigħ xieraq jinkiser jekk jitħalla li jsir użu mill-istqarrija, u l-intervent ta' din il-qorti jkun meħtieġ minn issa sabiex ma tħallix li dan isir....
>
> Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b' reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta' Borg v. Malta mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.
>
> Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.
>
> Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.
>
> Madankollu, fil-każ tal-lum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.

awtomatikament ir-rifjut tal-avukat ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan għax l-interrogat faċilment ikun setgħa biddel fehemtu. B'hekk waħda ma tistax titqies li tesklludi lill-oħra.[5]

Konsegwentement, għar-raġunijiet premessi, in bażi għall-dawn l-insenjamenti li jidher li saru paċifiċi fil-Qrati Maltin kemm fi prim'istanza kif ukoll fi stadju tal-appell, kemm f'sede penali kif ukoll f'sede kostituzzjonali, peress li jirriżulta li l-imputata ma kienetx ingħatat il-fakulta tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni, u dan minħabba l-fatt li f'dak iż-żmien il-Liġi Maltija ma kienetx tipprevedi dak ir-rimedju u possibilita, u peress li ma kienx hemm raġunijiet validi jew impellenti li jiġġustifikaw li l-imputata f'dan il-każ ma tingħatax il-fakolta tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġiet interrogata, din il-Qorti kostretta tqis li l-istqarrija tal-imputat datata 21 ta' Frar 2016 mhix prova ammissibbli f'din il-proċedura penali u b'hekk ser tiskarta dak kollu kontenut fiha. Altrimenti din il-Qorti tkun qegħda potenzjalment tikser id-drittijiet tal-imputata jekk tagħmel użu minn tali stqarrija. Apparti minn hekk mhux ammissibbli li din il-ġurisprudenza tapplika biss fil-każijiet fejn il-validita tal-istqarrija u l-użu li jsir minnha tkun qed tiġi kontestata għax altrimenti jkun ifisser li l-użu ta' stqarrijiet mogħtija f'dawk iċ-ċirkostanzi analogi fejn ma kienx hemm dritt tal-

[5] Ara s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello*** datata d-9 ta' Mejju 2017 u ***Il-Pulizija vs Aldo Pistella*** deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju 2017 konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-14 ta' Diċembru 2018.

avukat matul l-interrogatorju mhux kollha jkunu oġġettivament potenzjalment leżivi tal-jeddijiet tal-bniedem – liema leżjoni ssir biss dipendenti fuq jekk l-imputati jissollevawx il-preġudizzjali tal-inammissibbilita o meno. Dan ikun eżerċizzju tattiku anti-ġuridiku li jimmina ċ-ċertezza tad-Dritt u jirrendi l-eżerċizzju tal-ġustizzja dipendenti fuq dak li jkun jaqbel lil parti fiċ-ċirkostanzi tal-każ. L-oġġettivita' u ċ-ċertezza tad-Dritt ma jistgħux ikunu strumentalizzati b'dan il-mod. Għalhekk din il-Qorti tqis li anke jekk il-validita ta' din l-istqarrija ma ġietx sollevata mill-partijiet f'dan il-każ, il-Qorti hija xorta waħda intitolata li tqajjem dan il-punt ex officio in kwantu l-prinċipju tal-potenzjal tal-leżjoni tal-jeddijiet tal-bniedem naxxenti mill-ġurisprudenza ċitata għandha japplika sempre e comunque f'kull każ u mhux biss fejn xi parti jkun jidhrilha, dipendenti skont xi jkun jaqbel lilha.

Alison Cini ma xehditx f'dawn il-proċeduri u l-anqas ma xehdet fihom Rita Cilia. L-uniku xhud li semgħa u ra dak li seħħ huwa Ronald Attard. Dan jiġi l-uniku xhud li jista' jixhed dwar dak li seħħ f'dan il-każ. Għalkemm huwa xehed li għandu tifel komuni ma Alison Cini, Ronald Attard ma ġiet preżentata ebda prova li huwa kien miżżewweġ, koabitant jew marbut b'unjoni ċivili ma Alison Cini jew Rita Cilia. Għalhekk huwa xhud ammissibbli f'dawn il-proċeduri.

Ronald Attard jixhed li hu u Rita Cilia kienu fil-karozza, huma u sejrin lejn il-Birgu, Alison Cini ċemplitlu fuq il-mobile tiegħu. It-telefonata weġbitha Rita Cilia peress li hu kien qiegħed isuq. Cini staqsiet dwar it-tifel u fejn kien. Rita Cilia spjegat lil Cini li t-tifel (li Ronald Attard kellu in komuni ma Alison Cini) kien id-dar rieqed. Sadattant waslu l-Birgu bil-karozza u wara ftit minuti tfaċċat Alison Cini bil-karozza tagħha. Kienu bit-twieqi magħluqin u Cilia qalet *"bis-serjeta għadna kemm ftehmna"*. Hemmhekk raw lil Alison Cini terġa titlaq bil-karozza. Biss għalkemm kienu ħasbuha li telqet, din dawret lura u reġgħet ġiet, niżlet mill-karozza tagħha, fetħet il-bieba tan-naħa ta' Rita Cilia u tagħt daqqa lil Rita Cilia. Jgħid hekk : -

> Jiena fetħet il-bieba, tagħtha daqqa u sa kemm ħriġt biex dan, ħriġt il-barra... dik kull ma rajt, kif ħriġt rajt lit-tfajla Cilia bid-demm ma wiċċha jiġifieri fridthom u daqshekk.

Din id-daqqa fuq wiċċ Rita Cilia ingħatat minn Alison Cini fil-waqt li Rita Cilia kienet għadha riekba fil-karozza. Biss wara li qalgħet id-daqqa fuq wiċċha, Rita Cilia ħarġet barra mill-karozza u dawn iż-żewġ nisa spiċċaw imqabdin f'xulxin jiġġieldu u jġebbdu f'xagħar xulxin. Ronald Attard jgħid li huwa kellu jintervjeni biex iferraqhom. Huwa wara intebaħ li Rita Cilia kellha d-demm.

Waqt li kienet barra mill-karozza u wara li kienet qalgħet id-daqqa Rita Cilia, dawn iż-żewġt nisa qalu xi kliem lil xulxin u *imbagħad qabdu jiġġieldu hux*. Ronald Attard jikkonferma li wara li Rita Cilia kienet qalgħet id-daqqa fuq wiċċha mingħand Alison Cini u waqt li Rita Cilia u

Alison Cini kienu barra mill-karozzi jiġġieldu, huwa semgħa lil Rita Cilia tgħid lil Alison Cini espressjoni fis-sens *mur l-hemm li...* Altrimenti Cilia ma kelmitx ħażin lil Cini qabel ma ħarġet barra mill-karozza. Fil-karozza bit-twieqi magħluqin Cilia kienet qaltilha biss li t-*tifel kien qiegħed relax, qiegħed id-dar*.

Ronald Attard jisħaq li meta Alison Cini irritornat lura bil-karozza tagħha, hija ħarġet mill-karozza tagħha, fetħet il-bieba tal-passiġġier tal-karozza misjuqa minn Ronald Attard u fejn kien hemm Rita Cilia u Alison Cini *tatha knock out* lil Rita Cilia. Ronald Attard jgħid li ma kienx minnu li Rita Cilia kienet niżlet għal Alison Cini minħabba l-fatt li Cilia l-anqas kienet taf li Cini kienet niżlet għaliha mill-karozza tagħhha. Huwa jikkonferma li meta ħarġu barra l-karozzi li kienu rispettivament riekbin fihom, dawn iż-żewġ nisa ġew fl-idejn u kien hemm daqqiet bejn dawn iż-żewġ nisa li bdew *jiġbdu x-xagħar, ġlieda tan-nisa*.

***Ikkunsidrat : -***

Illi din il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-verżjoni tal-fatti kif rakkontata minn Ronald Attard. Din il-Qorti tifhem li bejn dawn iż-żewġt nisa ma kienx hemm relazzjoni tajba u hemm ċerta tensjoni li waslet għal dan l-inċident. Il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kienet Alison Cini li tat daqqa fuq għajnejn Rita Cilia u kkaġunatilha offiża.

*Ikkunsidrat : -*

Illi kwantu għan-natura tal-offiża subita minn Rita Cilia, il-provi prodotti huma kemxejn konfliġġenti.

Ġew prodotti diversi ċertifikati ta' tobba li f'xi mument invistaw lil Rita Cilia. Skont dak li riskontrat mit-Tabiba Maria Elena Pawney fiċ-ċertifikat maħruġ minnha u eżibit a fol 20 u konfermat bil-ġurament a fol 111 et seq, Rita Cilia kienet qed tbagħti minn tbenġila u nefħa taħt l-għajn il-leminija u ferita fuq il-ħaddejn tan-naħa tal-lemin fuq il-warda tal-wiċċ. In-natura tal-offiża f'dak il-mument, skont din it-tabiba kienet ta' natura gravi minħabba l-marki permanenti tal-ferita fuq wiċċ Rita Cilia jew minħabba komplikazzjonijiet mill-ferita stess.

Biss kwantu għal dak li sofriet fuq għajnejha konsegwenza tad-daqqa mogħtija minn Alison Cini il-pariri mediċi ma humiex konkordanti sal-aħħar. Il-Konsulent Oftalmologu Franco Mercieca jirrikonoxxi li Cilia kellha ħsara f'għajnejha kaġun tad-daqqa li qalgħet. Iżda wara kienet żviluppat infezzjoni f'għajnejha li ma kienetx relatata direttament mad-daqqa ta' ponn li kienet qalgħet. A fol 100 jixhed li l-ħsara li kellha f'għajnejha kienet dovuta għal infezzjoni u mhux għad-daqqa li qalgħet.

It-tabib Pierre Farrugia xehed a fol 103 u jgħid li meta Cilia kienet riferuta l-isptar kienu wkoll għamlulha CT Scan u ma kien irriżulta ebda ksur madwar l-għajn. Ir-retina minn ġewwa kienet kompletament normali. F'dan is-sens dan it-tabib klassifika l-offiża bħala li kienet ħafifa salv kumplikazzjonijiet.

Anke Dr. Godfrey Farrugia meta xehed a fol 69 jgħid li l-offiżi li sofriet Rita Cilia ma setgħax jikklassifikahom bħala li kienu ta' natura gravi minħabba li ma affetwawx il-vista tal-għajn. Iżda mill-banda l-oħra l-aspett kożmetiku kien preżenti u dan minbarra l-infezzjoni li hija laqtet f'għajnejha li skont dan it-tabib donnha kellha rabta mal-inċident de quo. Hu kien irriferiha għall-isptar.

L-Oftalmologu Franco Mercieca kien ġie inġunt in kontro-eżami u kkonferma li Rita Cilia kienet ħarġitilha infezzjoni f'għajnejha li ħallitilha marka fuq il-*cornea*. Għalkemm dawn kienu marki ta' natura permanenti, dan il-konsulent saħaq li dawn ma kienux effett dirett tad-daqqa li kienet laqtet f'dan l-inċident, iżda kienu l-effett tal-infezzjoni. Issa din l-infezzjoni, skont l-istess konsulent *setgħet kienet konsegwenza indiretta* tad-daqqa li laqtet Rita Cilia, iżda setgħet kienet ukoll dovuta għal kawżi oħra kompletament estraneji. Għalkemm Rita Cilia setgħet kienet vulnerabbli wara li laqtet dik id-daqqa ta' ponn fuq għajnejha l-leminija, il-konsulent jikkonkludi li din il-vulnerabbilta' ma kienetx bil-fors il-kawża prossima tal-infezzjoni.

Il-Qorti rat li b'dawn il-konsiderazzjonijiet tekniċi ma kienx possibli għaliha li serenament tikkonkludi li l-offiża subita minn Rita Cilia fuq għajnejha kienet ta' natura gravi. Iżda żgur li l-offiża rekata minn Alison Cilia, kienet ta' natura ħafifa. Inoltre il-Qorti fliet wiċċ Rita Cilia u rat li l-armonija tal-wiċċ ta' Rita Cilia ma ġiex affettwat minn xi sfreġju bħala konsegwenza tal-kollutazzjoni ma Alison Cini.

***Ikkunsidrat : -***

Illi kwantu għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

## ***Deċide :***

li għar-raġunijiet premessi, u wara li rat l-Artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu aktar il-fuq imsemmija u ċjoe l-Artikoli 17, 214, 215, 216, 338(M) u 383 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lill-imputata Alison Cini :

(a) mhux ħatja tat-tieni imputazzjoni in kwantu l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprovaha sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk tilliberaha minn kull ħtija u piena dwarha;

(b) ħatja tal-ewwel imputazzjoni, iżda mhux tar-reat ta' offiża ta' natura gravi fit-termini tal-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kodiċi

Kriminali, daqskemm tar-reat minuri iżda kompriż u involut t'offiża ta' natura ħafifa ai termini tal-Artikoli 214 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi in kwantu tal-piena, il-Qorti qegħda tikkundanna lil Alison Cini għall-multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250). Inoltre, sabiex tissalvagwardja l-ordni pubbliku u s-sigurta ta' Rita Cilia, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħdha tqiegħed lil ħatja Alison Cini taħt obbligazzjoni personali tagħha għal perjodu ta' sena taħt penali t'elfejn euro (€2000).

***Mogħtija illum il-31 ta' Jannar 2019 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***